MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 149/2009

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat C B zzewwgu fil-11 ta' Jannar, tas-

sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mPat bhala Dok MS 1;
2. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali kif ukoll biza da parti ta’ l-intimat stess stante li l-istess intimat matul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet irrenda ruhu hati ta’ vjolenza fizika u kemm psikologika fuq l-istess rikorrenti;
3. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb ukoll b’biza morali ezercitat minn dawk kollha ta’ madwarha, fosthom familjari, li ghamlu pressjoni fuqha sabiex tizzewweg lill-intimat ghall-uniku raguni illi l-istess rikorrenti kienet harget tqila qabel iz-zwieg b’tarbija ta’ l-intimat;
4. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalid fil-ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-hdax (11) ta’ Jannar, tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (a), 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Ilil huwa ma jaqbilx li z-zwieg taghhom iccelebrat fil-11 ta' Jannar, 1997 ghandu jigi dikjarat null u bla effett. Anzi mill-provi ghnadu jirrizulta li z-zwieg taghhom huwa wiehed validu;
2. Illi fi kwalunkwe kaz, u dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghal-premess, f'kaz li jezistu bizzejjed provi biex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null, allura tali nullita ghandha tigi dikjarata ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti esklussivament;
3. Illi ghar-rigward ta' l-allegazzjoni ta' vjolenza fizika u psikologika ipprattikata allegatament mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti, l-istess intimat jistqarr li din hija allegazzjoni inveritjiera u ma ghandhiex mis-sewwa. Anzi pjuttost bil-maqlub. Il-kontendenti kienu jinhabbu u baqghu jinhabbu tul iz-zwieg sa l-ahhar mument ta' meta l-intimat kellu jitlaq mid-dar matrimonjali u minfloku dahal il-mahbub taghha Nicholas Pace Debono;
4. Illi ghar-rigward tat-tqala qabel iz-zwieg, jinghad li l-kontendenti kienu ilhom johorgu flimkien ghal hames snin shah u ghandu jirrizulta li l-hsieb taghhom kien li jizzewgu. Gara pero li r-rikorrenti harget tqila. Gie deciza li huma jizzewwgu, izda qabel ma ghamlu hekk, u cioe madwar xahrejn qabel, ir-rikorrenti kellha *miscarriage.* Minkejja dan, huma xorta wahda ddecidew li jibqghu ghaddejjin bil-pjanijiet taghhom ta' zwieg. Ghalhekk, mhux minnu dak li tghid ir-rikorrenti li hija gie sfurzata minn haddiehor biex tizzewweg minhabba din il-kwistjoni tat-tqala. Meta zzewgu, r-rikorrenti ma kienitx tqila;
5. Ghandu jirrizulta li r-rikorrenti kellha wiehed u ghoxrin (21) sena, filwaqt li l-intimat kellu disgha u ghoxrin (29) sena meta inghaqdu fis-sagrament taz-zwieg. Kienu attendew il-Kors ta' Kana u kienu jafu ben tajjeb f'hiex jikkonsistu dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taz-zwieg;
6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq imsemmija, kif ukoll ghal ragunijiet u provi ohra li sejrin jitressqu tul il-kawza, it-talba tar-rikorrenti ghad-dikjarazzjoni ta' nullita taz-zwieg ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontriha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda illi tat l-attrici, illi il-partijiet iltaqghu fil-31 ta’ Mejju 1992, mill-ewwel ingibdu lejn xulxin u bdew johorgu flimkien. Ghal bidu kollox kien normali, izda l-attrici xehdet illi il-konvenut ma damx biex juriha il-veru karattru tieghu ghaliex ftit wara li bdew johorgu flimkien kull darba li kien ikollhom xi argument il-konvenut kien jghajjat u jerfa jdejh fuqha. Sussegwentement, il-konvenut kien juriha li jiddispjacih u jitlobha tahfirlu u hi kienet tahfirlu ghaliex kienet migbuda hafna lejh. L-attrici kompliet tixhed illi is-swat kien xi haga ta’ rutina u kien isehh kull darba li kien ikollhom glieda, jew argument, anke fuq affarijiet zghar. L-attrici issemmi episodji diversi meta il-konvenut refgha jdejh fuqha waqt l-gherusija. Darba minnhom iddecidiet illi titlaq lill-konvenut, izda ftit tal-granet wara kien cemplilha certu FQ, talabha biex tmur tkellmu u hekk ghamlet u fethet qalbha u qaltlu b’kollox, izda FQ kien ikkonvinciha biex terga tahfer lill-konvenut. L-attrici xehdet illi il-konvenut kien jghir hafna ghaliha, b’ghejra mignuna u ghal ta’ kull haga ta’ xejn kien jarma isawwatha u jiggieled maghha. Wara episodju iehor ta’ vjolenza regghet iddecidiet illi titlaq lill-konvenut, izda dak iz-zmien kienet dghajjfa wisq u skond hi kienet taqa’ ghall-kliem sabih u ghall-weghdiet li kien jaghmlilha il-konvenut. L-attrici issemmi episodju iehor fejn il-konvenut halliha wahedha fid-dlam, kecciha mill-karozza, halliha wahedha fit-triq tar-Rabat li kienet mudlama, izda fortunatament ghaddiet koppja li kienet tafhom u tawha lift sad-dar. Regghet iddecidiet li titilqu, izda bhas-soltu regghu irrangaw. L-gherusija baqghet miexja b’dan ir-rittmu tas-swat sakemm wara erba’ snin harget tqila u kien ghalhekk illi huma iddecidew

li jizzewgu ta’ malajr.  L-attrici tixhed illi sfortunatament kienet tilfet lil din it-tarbija, izda kienu diga hargu it-tnidijiet u hi hasbet li ma setghetx tmur lura, izda kienet taht l-impressjoni zbaljata li tista tizzewweg f’gurnata partikolari b’mod civili u fil-knisja f’gurnata ohra, kif kienet tghidilha li kienet ghamlet ommha u hasbet li kien ser jigri hekk anke fil-kaz taghha, fis-sens illi hasbet illi meta hargu it-tnidijiet kienet diga’ mizzewga civilment u ma setghetx tohrog miz-zwieg fil-knisja, anke jekk kellha ripensamenti.   Illum il-gurnata l-avukat taghha spjegatilha illi dan kien zball kbir minn naha taghha.  Apparti minn hekk, kollox kien lest, inkluz l-inviti u hasset pressjoni kbira fuqha biex tibqa ghaddejja b’kollox u tizzewweg u fil-fatt il-partijiet izzewwgu fil-11 ta’ Jannar 1997.  Dakinhar taz-zwieg kellha dubbji kbar dwar kemm kien ser jirnexxi dan iz-zwieg, izda hasset li kien tard wisq sabiex twaqqaf u ghalhekk izzewwgitu, anke peress li bezghet illi jekk tghidlu li ma rieditx tizzewweg kien jaghmlilha xenata u jerga’ jerfa jdejh fuqha.  Hi baqghet tispera illi il-konvenut kien ser jinbidel.  L-attrici xehdet li l-hajja mizzewga mal-konvenut ma kienet facli xejn, il-problemi zdiedu, il-konvenut kellu karattru difficli hafna, dejjem ikun irid li tghaddi tieghu, ma kienx jista ghall-familjari taghha u f’kull argument li jkollhom kien isemmihom.  Hija xehdet li ohtha L kienet toqghod vicin taghhom u kull meta kien ikollhom argument, il-konvenut kien jaqbad jghajjat apposta biex ohtha tisma’ u hi kienet tiddejjaq hafna b’dan.  L-attrici xehdet ukoll illi ftit wara li izzewwgu, skopriet li l-konvenut kien qieghed jiehu xi pilloli li qatt ma kellimha dwarhom qabel ma izzewwgu.  Dawn il-pilloli kienu ativan.  Meta staqsitu dwarhom qalilha li kellu bzonn jehodhom minhabba l-istress, izda indunat li kien qieghed jehodhom biex jipprova inaqqas l-element ta’ kontroll illi kellu fuq kollox. Huwa ried ikellem tabib biex jaghmillu id-dokumenti necessarji biex jiehu dawn il-pilloli mill-isptar u Dr S K kienet taghmillu ic-certifikati ghal dawn il-pilloli regolarment.  L-attrici xehdet illi fiz-zwieg il-konvenut beda izid l-ammont tax-xorb alcoholiku, minn dejjem kien ihobb jiehu xi drink, jew tnejn, izda wara iz-zwieg ix-xorb kien sar mezz ta’ kif jahrab minnha u minn uliedhom u sar kellu problema tax-xorb.  Meta jixrob kien isir aggressiv u jitlef il-kontroll u spiccat tibza minnu aktar minn qatt qabel. L-attrici kompliet tixhed illi il-konvenut darba minnom qalilha illi xtaq illi hi u hu ikollhom esperjenza sesswali flimkien ukoll ma ragel iehor.  Hasbet illi kien qieghed jiccajta, izda il-konvenut baqa jinsisti fuq din ix-xewqa. Ma setghetx iddawwarlu fehemtu b’xejn.  Il-konvenut kien qalilha ukoll illi

din l-avventura kellha tigi iffilmjata fuq video u hi kienet taf illi jekk tghidlu le kienet tispicca hazin, jew taqla xi xebgha. Allura kontra kull principju taghha ikkonsentiet u effettivament sar hekk u ittiehed video ta' din l-esperjenza. Il-konvenut kien jheddidha spiss li kien ser johrog dan il-video jew fuq l-internet, jew jiccirkolah f'idejn biex jirredikolaha u jumiljaha. Mhux l-ewwel darba li qalilha li kien ser jaghmel certu editing fuq dan il-video biex jigi jidher li hu ma kienx qieghed jippartecipa u b'hekk tispicca tidher hi biss mar-ragel l-iehor u hi kienet tibza hafna li l-konvenut jaghmel hekk. Wara kollox hassitha traduta ghaliex hu kien assiguraha li dan il-video kien ser ikun ghalihom biss bhala tifkira ta' din l-avventura, izda wara li iz-zwieg tkisser il-konvenut qieghed jara kif ikompli ihamgilha isimha. Darba ohra il-konvenut kien jahdem Tunes u f'Awissu 2002 irceviet telefonata minghand l-imghallem tieghu J K fejn staqsiha jekk kellhiex kuntatt mal-konvenut. Wiegbet li dakinhar ma kienx kellimha u talabha tmur tkellmu fl-ufficju. Meta waslet qalilha li kien ghamel kuntatt mal-pulizija ta' Tunes li kienu qalulu li l-konvenut kien gie arrestat fuq pussess ta' blokka tal-cannabis u b'konsegwenza ta' dan il-konvenut gie deportat lura lejn Malta u ghadu sallum ma jistax jirritorna lejn Tunes, izda ma tafx jekk il-pulizija hadux passi kontra il-konvenut ghaliex skond hi, il-konvenut ma qalilhiex il-verita. L-attrici xehdet dwar il-vjolenza fizika u morali li ghamlilha il-konvenut. Hija qalet li wara li izzewwgu marru jghixu il-Mellieha fi proprjeta ta' missierha. Illum il-gurnata din id-dar hija taghha peress li l-genituri tawielha b'donazzjoni. L-attrici xehdet illi il-partijiet kienu marru Tunes ghall-honeymoon u maghhom ukoll kien hemm il-genituri taghhom u allura dan il-honeymoon kien qisu gita bejn zewg familji. F'dawn il-granet kellhom xi jghidu u il-konvenut refa' jdejh fuqha ghall-ewwel darba fiz-zwieg u dan kollu gara quddiem ommu stess. Wara dakinhar, is-swat u il-vjolenza saru parti minn hajjitha b'mod kontinwu u ta' spiss. Wara hdax il-xahar miz-zwieg l-attrici harget tqila bl-ewwel tifla tal-partijiet, hasbet illi il-konvenut kien ser joqghod attent u ma isawwathiex, izda huwa kompla isawwatha waqt din it-tqala. Meta regghet harget tqila it-tieni darba, il-konvenut xorta wahda kien jargumenta maghha u isawwatha minkejja li kienet tqila. Wara it-twelid tat-tifla iz-zghira hajjitha baqghet l-istess. Meta kienu jiggieldu kien jaqbad isuq bl-addocc u b'mod perikoluz, minkejja li kien ikun hemm it-tfal fil-karozza u kien jaqbad ikisser dak li jigi quddiemu. Sahansitra ghaliex kellmitu waqt loghba tal-football li kien

qed jara fuq it-television kien kissrilha subghajha ta’ idejha, kien anke jghajjarha ta’ spiss quddiem uliedha u jghidilha li ma tiswa ghalxejn. Darba minnhom waqt glieda quddiem it-tfal, wara li taha xebgha, tefghha ‘il barra mid-dar ta’ fuqha senduqa u ma hallihiex tiehu lit-tfal maghha. Bl-intervent tal-genituri, il-konvenut kien rega’ halliha tidhol id-dar u il-konvenut kien weghda li kien ser jippakja u jitlaq ‘il barra, izda l-ghada filghodu kien mar ix-xoghol u rega’ irritorna fid-dar u ma zammx kellmtu biex jitlaq ‘il barra. Baqghu jghixu fl-istess dar, izda fi kmamar separati u t-tensjoni u il-biza komplew jikbru u ghalhekk jumejn wara cemplet l-Agenzija Appogg li issuggerewlha tmur id-Dar Merhba Bik u hekk ghamlet u hadet lit-tfal maghha. Meta sar jaf, il-konvenut mar id-Dar Merhba Bik u ghamel xenata kbira u talabha bil-hniena biex tmur lura. Hemm hekk kien aggressiv u kienu issuggerewlu li jaghmel xi program biex jehles mill-vizzju tax-xorb u jikkontrolla il-vjolenza u l-aggressjoni tieghu, izda ma kienx accetta. Kienu ftehmu li hi tmur lura id-dar u hu jitlaq, izda rega’ mar lura minn kellmtu u ma telaqx. Regghu argumentaw, semghuhom il-girien u cemplu il-pulizija u fl-ahhar il-konvenut telaq u minn dakinhar baqghet tghix fid-dar wahedha mat-tfal.

Illi xehdu hut l-attrici illi ikkolloboraw ix-xiehda tal-attrici fir-rigward tal-vjolenza imwettqa fuqha minghand il-konvenut, l-ghajjat, il-glied u il-fatt illi il-konvenut kien kissrilha subajha ta’ idejha.

Illi L Z, oht l-attrici, xehdet illi darba minnhom semghet lill-konvenut jghajjat u jghid lil ohtha li kien ser joqtolha. Hija fil-fatt kienet cemplet lill-pulizija tant kemm bezghet ghas-sigurta ta’ ohtha.

Illi il-Qorti rat ukoll e-mail mibghut mill-konvenut li jinsab esebit a fol. 36 tal-process li fih il-konvenut jammetti li ma kienx jaf x’kien qieghed jaghmel u li kellu problema u fejn talab lill-attrici tahfirlu, izda qalilha li ma ghenitux bil-problema li kellu. Huwa qalilha wkoll illi hija dejjem aggixxiet b’mod tajjeb mieghu matul iz-zwieg.

Illi xehdet ukoll Dr S K illi qalet illi kienet tara lill-konvenut fil-passat u taf illi bhala medicina kien jiehu regolarment il-kalmanti Ativan, li ma kienitx bdiethomlu hi izda tabib iehor u hi kienet taghmillu dejjem ir-repeat prescriptions biex jibqa jehodhom. Dr K qalet illi il-konvenut kien qalilha li kellu bzonn jehodhom peress li kien nervuz u ma jistax jorqod minhabba ix-'shift' tax-xoghol. Mistoqsija, Dr K qalet illi il-konvenut meta jiehu din il-medicina ma setghax jixrob.

Ikkunsidrat :

Illi bhala prova il-konvenut esebixxa affidavit ta' certu P H illi xehed illi kien jaf lill-konvenut meta kienu jahdmu flimkien f'Malta u kien johrog mal-konvenut meta kien ghadu johrog mal-attrici qabel ma izzewgu. Huwa qal illi il-konvenut kien ikellmu, kien jafda fih u qatt ma semgha lill-konvenut jghid li kien vjolenti fuq l-attrici. Huwa xehed illi il-partijiet dehru bhala koppja normali u kuntenti flimkien. H xehed illi il-konvenut kien qallu illi martu riedet esperjenza sesswali ma ragel iehor u mieghu fl-istess hin u skond ix-xhud l-attrici kienet talbitu biex ikun hu it-tielet persuna li jkollu din ir-relazzjoni sesswali mal-partijiet. Hargu jieklu, bdew jixorbu, spiccaw fil-kamra tas-sodda ta' dan P H, l-attrici kienet qeghda tizfen, talbitu jaghmlilha massage u spicca kellu relazzjoni sesswali maghha. Hi u il-konvenut, wara din l-esperjenza sesswali, hargu mid-dar tieghu u l-ghada baghatulu messaggi u l-attrici qaltlu li kienet hadet gost b'din l-esperjenza sesswali. Ix-xhud qal illi l-attrici kienet tibghatlu messaggi fejn kienet tistiednu biex jerga jkollu relazzjoni sesswali maghha u hu kien juri dawn il-messaggi lill-konvenut. Fil-fatt rega' kien hemm it-tieni darba fil-flat tax-xhud u drabi ohrajn fejn din l-esperjenza sesswali flimkien mal-attrici u il-konvenut u ix-xhud saru fid-dar illi kellhom il-partijiet il-Mellieha. B'kollox dawn l-esperjenzi graw xi disa' darbiet. Il-konvenut kien jiffilmja dak kollu li kien ikun qieghed jigri waqt dawn l-inkontri sesswali u din l-avventura spiccat meta ix-xhud kellu jirritorna l-Ingilterra f'Jannar 2007. Skond ix-xhud l-attrici baqghet tghidlu permezz ta' messaggi u e-mails illi regghet riedet illi jkollha relazzjoni sesswali mieghu u dan baqa jigri sa kemm il-partijiet isseparaw. L-ahhar darba li grat din l-esperjenza sesswali kienet fil-

Milied 2006 fuq stedina tal-attrici. Ix-xhud qal illi waqt dawn l-esperjenzi sesswali il-partijiet kienu jkunu kuntenti u qatt ma ra illi il-konvenut kien vjolenti mal-attrici.

Illi xehed il-konvenut illi qal illi il-partijiet kienu damu hames snin gharajjes u dan iz-zmien l-attrici kienet kuntenta bih u ma kellhom l-ebda problemi. Fiz-zwieg ghal bidu il-hajja kienet tajba, izda kienu jiggieldu ta' spiss. Fl-ahhar sena l-attrici inbidlet drastikament, specjalment fir-relazzjonijiet sesswali, izda cahad illi huwa qatt kien vjolenti fil-konfront taghha, minkejja il-fatt illi kienet tghidlu "sawwatni jekk trid". Huwa xehed illi kien jaf illi l-attrici kellha boyfriend u kien ghalhekk li kienet tghidlu hekk. Il-konvenut xehed ukoll illi l-attrici kienet dejjem ticcatja fuq il-computer u meta jidhol fil-kcina tbiddel l-iscreen. Il-konvenut xehed illi darba minnhom inqala argument shun, l-attrici ipprovokatu u qaltlu "jekk inti ragel sawwatni", hu imbuttaha u sabbat siggu u kissru. L-attrici telqet u wara ftit gew il-genituri tieghu. Irritornat l-attrici ma ommu, qaltlu illi ma ghadhiex thobbu u talbitu biex jitlaq mid-dar u hu baqa id-dar, izda hi ma raqditx hdejh. Il-konvenut xehed illi ma izzewgux ghaliex kienet tqila l-attrici, izda li kieku ma hargitx tqila xorta wahda kienu jizzewgu. Skont il-konvenut kienet l-attrici li riedet illi jkollha "threesome" u mhux hu u hu qabad u ikkuntentaha. Il-konvenut xehed ukoll illi fl-gherusija l-attrici kienet tfajla gustusa, izda kienet tilbes b'mod vulgari u provokanti biex tipprovoka l-irgiel u kull fejn kienu imorru l-irgiel dejjem iharsu lejha. Hu kien jghidilha biex tbiddel l-istil ta' kif tilbes, izda hi kienet tghajjat u targumenta u tghidlu biex jaccettaha kif inhi. Kien anke jaraha titbissem lill-guvintur minn wara dahru u hu kien ihossu qiesu iblah. Il-konvenut xehed illi l-argumenti illi kien ikollhom kienu jkunu verbali u ma kienx juza xi vjolenza fuqha. Kien jaraha tkellem lill-irgiel, jew tilbes b'mod provokanti u fis-sajf kienet tkun trid toqghod topless u kienet taghmel hekk quddiem irgiel, nisa u tfal. Il-konvenut xehed illi l-attrici hija ezigenti u possessiva u provokattiva u twegga lil kullhadd b'kull mod meta tiggieled u taqbad tghajjat u tidghi. Huwa xehed illi kien minnu li kienet harget mill-karozza tieghu bil-lejl, talabha titla fil-karozza, izda hi ma rieditx u l-ghada kienu irrangaw. Xehed illi qabel iz-zwieg l-attrici kienet harget tqila, hu kien taht stress minhabba it-tieg u peress li l-attrici kienet tqila u waqa f'depression. Hu qal lill-attrici b'dan u l-attrici stess

ghamlitlu appuntament ma psikjatra li kien ordnalu jiehu il-pilloli ativan biex jikkalma. L-attrici qabel iz-zwieg kienet tilfet it-tarbija, izda baqghu ghaddejjin bit-tieg. Il-konvenut kompla jixhed illi huwa ghamel minn kollox biex jara lill-attrici kuntenta, hejjilha id-dar, ma kienitx qeghda tahdem dak iz-zmien u ghalhekk iddecidew flimkien illi hu jmur jahdem barra fuq l-oil rigs ghaliex kien jaqla hafna iktar flus. Huwa xehed illi kellhom l-ewwel tarbija u l-attrici dehret illi hija kienet omm responsabbli u kollox kien irranga bejniethom, izda sussegwentement fil-blokk ta’ flats ta’ missier l-attrici gie joqghod ragel Kanadiz bil-familja tieghu, kien ragel sinjur u kienu saru hbieb. Kienu johorgu flimkien bhala familji, izda maz-zmien beda jinnota illi l-attrici kienet saret habiba hafna tal-mara ta’ dan ir-ragel Kanadiz. Skont il-konvenut, dan ir-ragel kien qallu li darba minnhom kellu x’jaqsam sesswalment mal-attrici meta hu kien imsiefer u hassu li gie ingannat ghall-ewwel darba fiz-zwieg tieghu. L-attrici regghet bdiet tilbes b’mod provokattiv hafna u kien ghalxejn li kien jghidilha biex ma tibqax taghmel hekk. Il-konvenut xehed illi kellhom hajja sesswali tajba u wara sitt snin jahdem barra minn Malta huwa sab xoghol tajjeb f’Malta, izda l-attrici bdiet tgerger li ma kienx qed jaqla bizzejjed flus. Hu hass li kienet qed tghidlu hekk sabiex hu jerga isiefer u hi terga tkun hielsa minnu. Kellhom ukoll it-tieni tifla li kienu jiehdu hsieb taghha ommu u missieru, meta hu u l-attrici kienu jkunu xoghol u il-konvenut xehed illi f’dan iz-zmien l-attrici ma kienitx tnaddaf, ma kienitx issajjar u ma kienitx tiehu hsieb lil uliedha sew ghaliex kienet tqatta hafna hin fuq l-internet u tibghat SMSs il-hin kollu. Kienu xtraw xi proprjeta bhala investiment u l-attrici kienet tohrog man-negozjaturi tal-proprjeta u hu kien jiehu hsieb lit-tfal, jahsilhom u isajjar. Meta tirritorna l-attrici kienet tkun nervuza, kienet tiekol u toqghod fuq l-internet il-lejl kollu u hu kien joqghod jara xi DVD u donnu ma kienx hemm iktar hin ghal xulxin bhala koppja. Il-konvenut xehed illi l-attrici kienet tiggieled mieghu u tghajjru meta ma kienx ikollhom x’jaqsmu flimkien u kienet issemmi li riedet illi jkollha “threesome”. Kienu xtraw ukoll flat San Pawl il-Bahar u il-konvenut xehed illi minn wara dahru il-genituri tal-attrici kienu tawha id-dar tal-Mellieha b’donazzjoni. Il-konvenut xehed dwar it-“threesomes” illi kienu isiru ma P u skont hu kienet l-attrici li riedet video u b’kollox ittiehdu tlett videos ta’ dawn l-esperjenzi sesswali ma P. Skont il-konvenut, l-attrici darba minnhom qaltlu li ma kienitx ghadha thobbu u rieditu jitlaq mid-dar, hu ma hadhiex bis-serjeta, izda l-attrici

bdiet tqatta granet shah fuq il-compjuter, ma tnaddafx, ma taghmilx is-sodod u ma issajjarx. Kien jigi lura mix-xoghol u tghidlu “mur sajjar int” u tibqa ghaddejja fuq il-computer, izda il-konvenut cahad li qatt sawwat lill-attrici. Finalment kienet ippreparatlu hwejgu kollha f’zewg basktijiet u qaltlu biex jitlaq mid-dar ghaliex ma kienitx ghadha thobbu, izda hu ma kienx telaq. Darba minnhom irceva SMS minghand l-attrici fejn qaltlu li hi u it-tfal kienu telquh darba ghal dejjem, mar jigri lejn id-dar u meta kien fit-triq l-attrici cemplitlu u qaltlu li kienet Dar Merhba Bik. Hemm hekk staqsewh jekk kienx vjolenti u hu cahad. L-attrici giet tkellmu u qaltlu biex imur joqghod fil-flat ta’ San Pawl il-Bahar u jaghtiha zmien biex tahseb. Hu mar id-dar tal-Mellieha, ippakja xi affarijiet u mar fil-flat tal-Mellieha. L-attrici irrifjutat illi tirritorna id-dar jekk hu ma jitlaqx fil-flat ta’ San Pawl il-Bahar. Il-konvenut xehed illi l-attrici kienet harget xi flus u kienet qaltlu illi dwar il-loan tal-flat ta’ San Pawl il-Bahar kellu jiehu hsiebha hu peress illi hi kellha dar fejn toqghod. Il-konvenut qal illi minkejja dak kollu li gara hu kien baqa ihobb lill-attrici u ried li jergghu imorru flimkien u jaqdu lill-familja, izda hi ma rieditx taf. Il-konvenut xehed illi ftit wara li kienet telqitu, kien ra lill-attrici niezla go blokk flats bl-indirizz Mifstiv Flats, Triq l-Iskola Msida. Kienet liebsa sexy u qasir u dan meta kienet qaltlu li kienet indisposta u li ma kienitx harget mid-dar. Sar jaf ukoll illi kellha relazzjoni ma certu Nicholas Pace Debono u kienet tiehu lit-tfal taghha ghandu wkoll. Il-konvenut xehed illi fis-sajf tas-sena 2009 l-attrici hadet lil Nicholas Pace Debono jghix fid-dar tal-Mellieha maghha u ma uliedha. Il-konvenut xehed illi irid illi issir gustizzja mieghu, li jirrisjedi fid-dar tal-Mellieha, li jixtieq li jiehu nofs il-valur tal-assi mobbiljari kollha li ghamel fid-dar tal-Mellieha u jixtieq illi l-attrici thallas ukoll nofs il-loan illi hu qieghed ihallas fir-rigward tal-flat ta’ San Pawl il-Bahar u sostna li kienet l-attrici li ikkommettiet adulterju u abbandunatu u ghalhekk ma ghandha l-ebda dritt ghall-hlasijiet illi ghamel hu fid-dar tal-Mellieha.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null ai termini tal-Artikoli 19 (1) (a), 19 (1) (c) u 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dak illi trid tara il-Qorti hu hekk hemmx l-elementi necessarji sabiex jigi dikjarat null u bla effett iz-zwieg tal-partijiet abbazi tat-tlett bazi migjuba quddiem il-Qorti.

**Illi dwar l-Artikolu 19(1)(a) u cioe' li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza'**

Illi dwar dan l-artikolu, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[1] fejn inghatat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi pruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem il-Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Illi ghal dak illi jirrigwarda **l-Artikolu 19 (1) (a)** il-Qorti tara illi l-attrici ma ressqitx l-ebda prova fis-sens illi il-kunsens ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet f'dan il-kaz inkiseb bi vjolenza fizika, jew morali, jew biza. Illi huwa minnu illi l-attrici kienet tqila u kien ghalhekk illi iddecidiet illi tizzewweg, izda id-decizjoni kienet taghha u hadd ma geghelha bl-ebda

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

mod sabiex tiehu din id-decizjoni u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' annullament a bazi ta' dan l-artikolu, stante li l-estremi imsemmija bl-ebda mod ma jikkonfiguraw fil-kaz odjern.

**Illi dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga**

Illi dwar dan l-Artikolu u bazi ohra ghat-talba tal-esponenti, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[2] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[3] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Illi ghal dak illi jirrigwarda **l-Artikolu 19 (1) (c)** il-Qorti tara illi l-attrici effettivament kienet diga taf bil-karattru vjolenti tal-konvenut. Kienet ukoll taf li kien ghajjur, kienet tiggieled mieghu ta' spiss u titilqu, izda dejjem kienet terga tmur lura mieghu. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-

[2] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-09 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

talba attrici a bazi ta' dan l-Artikolu. Pjuttost jirrizulta li l-karattru tal-intimat baqa dejjem kif kien u baqa kostanti minkejja il-fatt illi wara iz-zwieg zdiedet il-vjolenza.

**<u>Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **K Cachia Melanie Vs K Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun***

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

Ikkunsidrat :

Illi dwar **l-Artikolu 19 (1) (d),** in vista tal-gurisprudenza citata u in vista tac-cirkostanzi li waslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti tara illi fil-mument illi il-partijiet taw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg, l-attrici ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti il-kunsens taghha u dan anke il-vista tal-fatt illi l-attrici iddecidiet illi tidhol ghal dan iz-zwieg minhabba li kienet harget tqila u meta rat illi korriet, hasbet kif xehdet hi stess, li una volta kienu hargu it-tnidijiet kienet mizzewga civilment u ghalhekk kien ikun ferm difficli ghaliha li ma tizzewwig ukoll bil-knisja. L-attrici xehdet li kienu hargu diga l-inviti, kien hemm kollox preparat u ghalhekk hasset li bil-fors kellha tibqa ghaddejja biz-zwieg, minkejja il-fatt illi kienet korriet.

Illi ghalhekk jirrizulta car illi l-attrici izzewwget ghaliex hasbet illi ma kellha l-ebda triq ohra, hasbet li hija kienet diga mizzewga civilment peress illi kienu hargu it-tnidijiet u ghalhekk iz-zwieg kien the *next step* li hi bl-ebda mod ma setghet tevitah.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici, izda limitatament peress illi il-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu; bl-ispejjez a karigu tal-attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------